MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 2804/1996/1

**Emmanuel Sammut u martu Maryanne Sammut.**

**vs**

**1. *Chief Government Medical Officer*.**

**2. Dottor Frank Bartolo M.D. f'ismu proprju u bhala Supretendent tal-Isptar San Luqa.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici Maryanne Sammut kienet giet ammessa fl-Isptar San Luqa fis-26 ta' Awissu, 1994, ghall-operazzjoni ghall-*"bilateral varicose veins in her lower limbs"* u fil-fatt giet hekk operata, l-ghada 27 ta' Awissu 1994, u baqghet hekk kurata fl-istess Sptar sal-1 ta' Settembru 1994;

Illi ghall-ewwel tmienja u erbghin (48) siegha wara l-operazzjoni l-attrici soffriet minn ugiegh qawwi fir-rigel tax-xellug, imma meta lmentat dwaru mal-i*staff* tal-Isptar, dawn kienu qalulha li dan kien ugiegh li wiehed normalment ihoss wara tali operazzjoni. Izda meta tnehhew il-faxex u garza, wara dan l-intervall, instab li kien hemm zewgt ingwanti ta' kirurgu: *"surgical gloves",* marbutin u mremblin bhal *torniquet*, madwar ir-rigel tax-xellug, fil-post fejn normalment ikun hemm il-lazzijiet taz-zarbun, u kien hemm ukoll ghoqda fuq il-*"lower outer surface"* tal-istess rigel, u z-zona ta' madwar din l-ghoqda, kienet tenera, twegga u hamranija, u ir-rigel minn fuq dawn l-ingwanti kien minfuh; u peress li kien hemm cikkatrici f'din iz-zona tar-rigel, kif jidher mill-fotografija (Dok. "F 1" sa "F 7") hawn esebiti, sitwata 5.5 pulzieri il-fuq mill-ponta tas-sebgha il-kbir u twila 3.5 pulzieri;

Illi kif iccertifika Mr. Victor Sultana M.D. FRCS. L-attrici qed isofri minn inkapacita' permanenti ta' hamsa fil-mija (5%) kagun ta' dan il-mankament, li soffriet bhala risultat tal-operazzjoni u l-kura *"post operative",* jew mankanza taghha, li saritilha taht id-direzzjoni w amministrazzjoni tal-konvenuti (Dok. "A").

Illi ghalkemm l-atturi kienu fehmu li din l-operazzjoni kellha ssir mill-kirurgu Mr. Dennis Gatt, mhux hekk effettivament sar, ghax Mr. Gatt jirrizulta li kien bil-*leave* dak in-nhar (Dok. "B") u minfloku jidher li operaw tobba ohra prezumibilment;

Illi l-konvenuti interpellati sabiex jghidu min fil-fatt kienu dawn it-tobba u *nurses* li operaw u kkuraw lill-attrici wara l-operazzjoni, ghar-rigward tal-konvenut Dr. Bartolo, b'ittra tas-17 ta' Mejju 1996 (Dok. "C") u bi protest gudizzjarju tas-26 ta' Awissu 1996, u l-konvenut *Chief Government Medical Officer* b'dan l-imsemmi protest, huma ghamlu dan biss b'ittra tal-konsulent legali taghhom (Dok. "D") tal-5 ta' Settembru 1996, cioe' wara li kien ghadda l-perjodu ta' preskrizzjoni.

Illi kien kontro-indikat li jithallew dawn l-ingwanti imrembla u marbutin b'ghoqda mar-rigel xellugi tal-konvenuta taht il-

faxex b'mod li ipproducew l-effetti fuq deskritti, u peress li ghal tali nuqqas jirrispondu il-konvenuti jew min minnhom, u dana billi l-konvenut *Chief Government Medical Officer*, ghandu fuqu r-responsabbilta' *"over all"* ghat-tmexxija u l-amministrazzjoni tal-Isptarijiet u li jara li tinghata lil kull pazjent kura u attenzjoni skond l-arti u s-sengha medika;

Illi l-konvenut l-iehor li ghandu l-istess responsabbiltajiet u responsabbiltajiet specifici ghat-tregija tal-Isptar San Luqa bhala Supratendent tal-istess, fosthom dik li jara u jassikura li jkun hemm konsulent iehor li jipprovdi *"cover"* veru u adegwat biex jara li pazjent mhux biss jigi operat sew imma li wkoll jinghata kura *"post-operative"* serja u effikaci, li zgur ma sarx fil-kaz in ezami; kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u  inoltre meta hekk mitlub mill-konvenuti biex jatihom l-ismijiet tat-tobba u *nurses* involuti, ghamel dan biss b'ittra tal-5 ta' Settembru 1996, wara li lahaq ghadda l-perjodu tal-preskrizzjoni, u b'hekk ippregudika lill-attur fir-ricerka tal-verita' biex jistabbilixxu min kien responsabbli ghall-akkadut u jipprocedu okkorendo kontra tieghu;

Illi interpellati sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-atturi bhala risultat ta' dan kollu kemm b'ittra ufficjali tas-27 ta' Gunju 1996 u l-protest tas-26 ta' Awissu 1996, ghar-rigward tal-konvenut *Chief Government Medical Officer*, u l-ahhar protest il-konvenut Dr. Frank Bonello, huma baqghu inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu li din il-Qorti jogghobha tiddikjara u tiddeciedi li:-

1. Il-konvenuti huma responsabbli ghad-danni sofferti mill-attrici minhabba l-inkapacita' permanenti li garbet l-attrici Maryanne Sammut bhala rizultat tal-operazzjoni u kura medika li hi rceviet fl-Isptar San Luqa bejn is-26 ta' Awissu 1994 u l-1 ta' Settembru 1994, kif fuq intqal u ghar-ragunijiet indikati;

(2) Tillikwida din il-Qorti d-danni, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

(3) Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom jhallsu d-danni li jigu hekk likwidati, flimkien mal-imghax legali mid-data tac-citazzjoni attrici.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ tlett (3) ittri legali, tal-ittra ufficjali datata 27 ta’ Gunju 1996, u dawk tal-protest gudizzjarju tas-26 t’Awissu 1996, kontra l-konvenuti, li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et seq.* tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 14 *et seq.* tal-process fejn eccepew illi:-

1. Illi l-proceduri huma irritwali *stante* li l-Avukat tar-Repubblika ma giex notifikat b’din ic-citazzjoni u dan *ai termini* ta’ l-**artikolu 181B tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.**

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess l-attur Emmanuel Sammut m’ghandu ebda *‘locus standi’ stante* li d-danni huma materja personali u parafernali.

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghal premess illi l-konvenuti ma jirrispondux ghad-danni riklamati *stante* li l-istess ma grawx tort taghhom.

4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghal premess illi l-azzjoni hija ukoll karenti minn fondament guridiku *stante* li qed issir fil-konfront ta’ l-*employer*, li jirrispondi biss f’kaz ta’ *culpa in eligendo* dan lanqas biss hija allegata.

5. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghal premess l-azzjoni hija wkoll infondata kwantu bazata fuq allegata prokrastinazzjoni ta’ l-esponenti milli jaghtu xi informazzjoni lill-atturi u dan kemm ghax ma kien hemm ebda prokrastinar, kemm ghax ma jezisti ebda obbligu legali ghall-ghoti ta’ tali informazzjoni (ghad li fil-fatt din inghatat) kif ukoll ghax huwa car li l-atturi ghazlu li ma jharrkux lil persuni li attwalment ghamlu l-operazzjoni izda ghazlu t-triq li jharrku lil min jimpjegahom u dan

nono*stante* li l-atturi baghtu ittra ufficjali lill-imsemmija mpjegati fis-27 ta' Gunju 1996 u cjoe' fit-terminu tal-preskrizzjoni.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti annessa mal-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Rat il-verbali tas-seduti tat-30 ta' Settembru 1997; tas-27 ta' April 1998 fejn Dr. Gafa' ghall-konvenuti rtirat l-ewwel eccezzjoni taghha *stante* li l-Avukat Generali gie notifikat. Il-Qorti talbet lid-difensuri biex jissugerixxu Espert Mediku li jkun espert fil-kirurgija kosmetika. Id-difensuri talbu differiment ghal dan l-iskop; tas-26 ta' Gunju 1998 fejn Dr.Galea Debono ddikjara illi huwa u Dr.Gafa' qablu fuq il-persuna li tista' tespleta l-inkarigu tal-Espert Mediku u ddikjara li din hija Dr.Joseph Attard.

Rat in-nota tal-atturi li biha pprezentaw l-affidavit taghhom it-tnejn;

Rat il-verbali tas-seduti tal-14 ta' Dicembru 1998; tas-7 ta' Mejju 1999 fejn xehdet Rosaria Borg; tal-10 ta' Dicembru 1999 fejn il-Qorti nnominat lill-kirurgu Dr. Joseph Attard bhala Perit Mediku a spejjez provizorjament tal-atturi biex wara li jezamina lill-attrici jistabbilixxi l-grad ta' debilitazzjoni permanenti minhabba l-operazzjoni illi giet ezegwita fuqha fis-27 ta' Awissu 1996; tad-9 ta' Frar 2000 fejn deher il-Perit Kirurgu Joseph Attard li halef ir-rapport. Dr.Galea Debono ddikjara li qieghed jirrimetti ruhu ghar-rapport tal-Perit Kirurgu; tat-8 ta' Marzu 2000 u 5 ta' Mejju 2000 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat il-verbali tas-seduti tas-6 ta' Ottubru 2000; tal-15 ta' Novembru 2000; tal-14 ta' Marzu 2001 fejn xehed Dr. Dennis Gatt; tad-9 ta' Ottubru 2001 fejn xehed Dr. Anthony Formosa; tal-25 ta' Ottubru 2001 fejn xehdu Dr. Frank Bartolo u Mr.Charles Swain; tal-31 ta' Jannar 2002 fejn xehdu Dr. Ray Busuttil, Dr. John Cachia, Dr.Tania Vanavenok Casha, Bernie Cascun, Dr. Alec Sultana, Lorraine Farrugia, Fiona Degiorgio, Terese Spiteri,

Marianne Debono, Jacqueline Sammut u Emmanuel Caruana; tat-12 ta' Frar 2002 fejn Dr. Veronica Galea Debono ddikjarat li f'dan l-istadju m'ghandhiex provi aktar. Dr. Galea Debono ddikjarat li hi qatt ma qablet man-nomina tal-Profs. Griffiths; tad-9 ta' April 2002 fejn Dr.Gafa' pprezentat nota b'zewg ittri; tal-21 ta' Mejju 2002; u tal-25 ta' Gunju 2002 fejn id-difensuri qablu li r-rapport indikat fir-rikors tal-konvenuti huwa tal-Professur Griffiths. Xehed Joseph Attard. Dr. Gafa' ghall-konvenuti ddikjarat li m'ghandhiex provi aktar. Id-difensuri talbu li jaghmlu noti. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta' hamsin (50) gurnata lill-atturi biex jipprezentaw in-nota ta' osservazzjonijiet taghhom bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontroparti li jkollhom hamsin (50) gurnata biex jirrispondu permezz ta' nota responsiva. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Novembru 2002.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Novembru 2002 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-12 ta' Dicemberu 2002.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. VERTENZA ODJERNA

Illi din hija kawza ghad-danni bazata fuq l-allegazzjoni li l-attrici soffriet dizabilita' permanenti wara *"trattament"* hazin li nghatat wara operazzjoni li saret fuqha fl-Isptar San Luqa meta f'Awissu tal-1994 giet ammessa biex issirilha operazzjoni ghal *"bilateral varicose veins in her lower limbs"*, liema operazzjoni saret fis-27 ta' Awissu 1994 u l-attrici baqghet tigi kurata fl-Isptar sal-1 ta' Settembru 1994.

Illi l-konvenuti min-naha taghhom jichdu tali allegazzjoni u ressqu diversi eccezzjonijiet li se jigu kkunsidrati aktar ‘il quddiem.

**<u>B. PROVI PRODOTTI.</u>**

Illi **MaryAnne Sammut** fl-affidavit taghha xehdet li ftit gimghat qabel is-26 ta' Awissu 1994 kienet marret ma' zewgha ghand il-Professur Dennis Gatt privatament minhabba li fuq l-ghaksa ta' saqajha tal-lemin kienet iffurmat ulcera hamra. Huwa kien issuggerixxa li kellha taghmel operazzjoni tal-vini varikuzi f'saqajha t-tnejn. Hija xtaqet li l-operazzjoni taghmilha privat izda ma kienx hemm qbil fuq il-prezz. Huma b'hekk ftehmu li l-Isptar San Luqa huwa kellu tim ta' tobba professjonali mmexxija minnu, u li wiehed seta' facilment jigi operat hemmhekk. Hija dahlet l-Isptar fis-26 ta' Awissu 1994 u l-ghada saritilha l-operazzjoni. Qabel ma hadet il-lopju gharfet lil George Fenech, *nurse* gar taghha fit-teatru ta' l-operazzjonijiet. Wara li ghaddielha l-effett tal-lopju nizzluha isfel fis-sala fejn kienet. Hija mill-ewwel hasset ugiegh f'sieqha l-ohra x-xellugija u aktar beda jzid. Wara ftit hin il-pala ta' saqajha x-xellugija bdiet tintefah bil-faxxa b'kollox u s-swaba saru kohol. Kemm hija kif ukoll zewgha qalu lin-*nurses* izda hadd ma ha azzjoni. Ghamlet zewgt iljieli ma torqodx b'hass hazinijiet.

Illi fid-29 ta' Awissu 1994 marru t-tobba li operawha u malli nehhewlha l-faxxa rathom iharsu lejn xulxin. Hija harset *"lejn saqajja x-xellugija rajt li kelli bhal habel marbut u mibrum mal-pala".* Meta n-nurse qatghet bl-imqass dan il-habel irrizulta li kienu par ingwanti mibrumin u marbutin flimkien. Dawn l-ingwanti kienu qishom dawk li juzaw it-tobba waqt operazzjoni. Meta t-tabib qalilha biex timxi hi ma felhitx. F'saqajha kien ifforma farrett ta' madwar hames (5) pulzieri mad-dawra tond tal-pala u l-ghoqda marbuta kienet dahlet gol-qiegh ta' saqajha. Ghadha tbati bl-ugigh sallum. Ghandha sfregju li biex tfieq minnu trid hafna flus sostniet.

Illi certu Dr.Formosa M.D. qalilha li dak li gara fuq saqajha kien zball. Hija xehdet li t-tobba li operawha lanqas fejquha ghax kienu anki hallew xi vini u b'hekk ghadha tonfoq flus sallum. Anki l-ulcera tinfethilha minn zmien ghal zmien. L-attrici kompliet tghid li sallum ghadha ma tistax tilbes zarbun kif trid ghax saqjha tibda tugaghha

specjalment fejn kellha l-ghoqda ta' l-ingwanti marbuta ma' saqajha. Infatti tghid li fejn allegatament kellha l-ghoqda marbuta ma' saqajha l-laham qabez il-barra.

Illi zewg l-attrici **Emmanuel Sammut** ikkonferma dak li qalet martu. Huwa ikkorrobora wkoll ix-xhieda taghha. Infatti spjega li wara l-operazzjoni meta ra lil martu mugugha u bdiet tinkweta mar jistaqsi lil wahda min-*nurses* Ms.Borg biex tarahilha u din kienet qaltlu li l-ugigh kien haga normali ta' wara l-operazzjoni u kif ukoll li ma kellhiex ordni biex tholl il-faxxa ghax inkella johrog id-demm. Hi marret taraha izda ma haditx azzjoni. Qal li aktar ma' beda ghaddej il-hin, il-pala ta' sieqha bdiet tintefah, u s-swaba jikhalu. Ressaq ilmenti diversi drabi u gie mcanfar min-*nurses*. Huwa qal ukoll li l-Professur Dennis Gatt kien imsiefer meta operaw lil martu. Is-Supretendent ta' l-Isptar Dr.Bartolo meta qalulu bil-kaz qalilhom li dan kien wiehed rari u b'hekk kif kien se jircievi l-ittra ta' l-avukat taghhom kien lest jiftah inkjesta izda minn dak li qallu ma gara xejn. Sahansitra l-protest taghhom gie njorat u nforma lill-avukat taghhom bil-lista tat-tobba li kienu hadu sehem fl-operazzjoni ferm wara z-zmien stipulat mill-ligi. Kien qal illi l-Professur Swain kien qieghed jagixxi bhala konsulent fin-nuqqas ta' Mr. Dennis Gatt waqt li dan kien imsiefer izda huma qatt ma rawh fis-sala u lanqas qatt ma ezaminaha jew raha.

Illi giet prodotta bhala xhud mill-atturi n-*Nursing Officer* **Rosaria Borg.** Hija qalet li fis-27 ta' Awissu 1994 kienet xoghol fil-Ward "WS 1". Hi ftakret li l-attrici kienet ghamlet operazzjoni tal-vini varikuzi pero' ma tiftakarx jekk din l-operazzjoni kienitx ghaz-zewg saqajn jew inkella sieq wahda. Hija tqassam in-*nurses* fuq ix-xoghol. Hija qalet li jekk jinqala' xi incident fl-*operating theatre* jew xi kumplikazzjoni waqt li pazjent fil-*ward* taghha jkun l-Isptar hi tissejjah u jkollha okkazzjoni illi tiltaqa' mal-pazjent. Hija qalet li fil-kaz tal-attrici qatt ma sejhulha. Semghet li kien gara xi haga wara li l-attrici kienet harget mill-Isptar. Meta marret ticcekkja man-*nursing report* ma sabet l-ebda referenza ghall-incident tal-attrici. L-atturi qatt ma kellmuha mill-operazzjoni. Illi meta murija l-lista a fol.9 tal-process hi qalet illi hlief l-ahhar zewg persuni msemmija

fuq l-istess lista l-ohrajn kienu kollha jahdmu maghha fil-*ward* fiz-zmien illi kienet saret l-operazzjoni lill-attrici.

Illi **Mr.Dennis Gatt** xehed li hu jaf lill-attrici billi kienet pazjenta tieghu ghax kienet marret ghandu privatament, imbaghad ghazlet li taghmel t-*treatment* St. Luke's. Hija kellha vini varikuzi f'saqajha u l-parir tieghu kien li kellha bzonn operazzjoni. Hu dahhalha fil-*Ward* tieghu izda l-operazzjoni ma kellhiex issir minnu ghax l-Isptar ma jaghmilx operazzjoni tal-*varicose veins*. Huwa kien qalilha li l-operazzjoni ma kienx se jaghmilha huwa izda kienet issirilha mit-team tieghu li jaghtih id-dipartiment u li skond hu jinbidel kontinwament. L-ewwel assistent tieghu dak iz-zmien kien Dr. Yulovski li llum m'ghadux Malta. Huwa ma kienx qalilha min kien se joperaha ghax lanqas hu stess ma kien jaf ghax kien jiddependi mit-*turn*. Jekk ma jkunx prezenti hu ghall-operazzjoni jopera s-*senior assistant* izda certu operazzjonijiet leggeri jista' jaghmilhom is-*Senior House Officer* li hu l-grad li jmiss.

Illi hu qal li meta giet operata l-attrici hu kien imsiefer ghax kien iz-zmien tal-*leave*. Izda meta jkun imsiefer is-*Senior Assistant* isir il-kap tat-*team* u jkun kopert minn konsulent iehor ghax hu jrid ikun irranga mieghu – il-probabilita' hi li kien Mr Alex Attard. Hu spjega li l-konsulent ma jkunx fis-sala ghax hu jkun qed jaghmel ix-xoghol tieghu normali. Huwa qal li wara l-operazzjoni lill-attrici ma rahiex l-Isptar. Huwa qal li sema' bl-ilment taghha minghand id-dipartiment tieghu ghalkemm jista' jkun li marru jarawh privatament u qalulu.

Illi hu gie mistoqsi jekk hu minnu li nstabet l-ingwanta tal-lasktu mdawra ma' l-gharqub u ssikkata, ghaliex giet hemm u min seta' halliha hemm. Huwa spjega li kien hemm prattika f'certu perjodu, certi nies ghadhom juzawha, li meta tkun se ssir operazzjoni fuq ir-rigel (specjalment amputazzjoni) dik il-parti tas-sieq ma tinhasilx qabel l-operazzjoni biex ma tkomplix taqla' l-materja u tferrixha. Izda mhux dan il-kaz. Meta mbaghad tkun se ssir il-faxxa din titnehha. Hu qal li pero' tista' din il-prattika tintuza' ghall-operazzjoni tal-vini varikuzi. Illi fuq mistoqsija tal-Qorti m'hemm l-ebda raguni ghalfejn fis-sieq

ghandha tintuza' teknika bhal dik allegata mill-atturi. Illi mhijiex prattika stabbilita f'St.Luke's li ngwanta tintuza' bhala *"torniquet".* Huwa qal li f'kaz li tintuza' hu d-dmir tal-kirurgu li jara li titnehha.

Illi meta muri r-ritratti qal li qabel l-operazzjoni l-attrici ma kellhiex ic-cikkatrici. Kellha vini varikuzi estensivi hafna u mifruxa ma kullimkien u hi battikata bhala operazzjoni. Illi gie mistoqsi jekk ic-cikkatrici hiex kompatibbli ma' xi hadd li jorbot ghoqda bl-ingwanta u jhalliha hemm ghal certu zmien hu qal li hi daqsxejn lineari zzejjed ghal dik it-tip ta' *scar* ghax normalment kieku jkun hemm *"scar wiesa u aktar diffused milli din".* Mistoqsi jekk setax kien *"tight bandage"* li kkawza l-i*scar* qal li ma jistax jeskludi li kienet wahda minnhom.

Illi in kontro-ezami qal li jekk thalliet din l-allegata ngwanta jew xi haga bhala li kkawzat cikkatrici bhal dik il-kumplament tas-sieq kienet issir vjola jew tohloq *"gangrine".* Illi pero' jekk hemm xi haga iebsa mhux daqshekk issikkata u tithalla ghal certu sieghat dejjem tikkawza xi *"gangrine"* jekk intuzat bhala *"torniquet"*. Illi jekk intuzat billi kienet imlibbsa u l-ohra fuqha u thalliet ghal gurnata/tnejn jista' jkun hemm marki. Skond hu dak li kkawzaha x-xfar tal-*bandage* minhabba li hemm zewg linji paralleli. F'dawn it-tip ta' operazzjonijiet il-*bandage* irid ikun issikkat biex ma jkunx hemm *bleeding* wara l-operazzjoni u fl-istess hin mhux issikkat izzejjed li tikkawza nkonvenjent u wgiegh ghall-pazjent. Izda *bandage* kien hemm bzonn u l-bilanc tal-*pressure* ma kienx zbilancjat. Illi jekk pazjent ihoss xi ugiegh jissejjah tabib *on call.* Illi mhux necessarju li wara l-operazzjoni l-kirurgu jmur jaraha – dan sakemm m'hemmx problemi mhux normali. Illi *post-operative pain* hija parti minn kull operazzjoni u difficli tiddetermina d-differenza bejn ugiegh ta' wara l-operazzjoni jew ta' *tight bandage.*

Illi **Dr. Anthony Formosa** ghamel sitt snin jahdem l-Isptar u fforma parti mit-team ta' Mr.Gatt minn Lulju 1994 sa Dicembru 1994. Il-konsulent kien Mr. Dennis Gatt; Senior Registrar Dr. Yulovski; S.H.O's l-ewwel erba' (4) xhur Dr. Alec Sultana imbaghad Dr.Rachelle; imbaghad hu u z-

zewg *housemen* ohra Dr. Thomas Attard u Dr. Joseph Azzopardi. Fl-istess operazzjoni jkun hemm tnejn jew tlett tobba – tinhadem *b'rotation*. Illi meta muri dokument a fol.9 qal li setghu kienu huma dakinhar tal-operazzjoni. Hu kien it-tielet (3rd) *in command* kemm jassisti. Dr.Yulovski u Dr.Sultana joperaw.

Illi hu spjega x'isir qabel waqt u wara l-operazzjoni. Wara s-sieq tigi nfaxxata iebes minn isfel sal-*groin*. Tista' tintuza' *elastic stocking* jew faxxa normali . Hu ma jiftakarx x'kien intuza' fil-kaz odjern imma normalment kienu juzaw faxex ghax *stocking* ma tantx taghmel *compression* kbira li jkollok bzonn. Hu qal li l-atturi marru jkellmuh wara l-operazzjoni. Wara li ra r-ritratti kkonkluda li dik il-parti tas-sieq li tidher kienet *post fuori causa.* Hu qal li meta tintuza' din it-tip ta' ngwanta, timtela bl-ilma u tintuza' qisha kuxxinett biex il-gisem li jkun qed jaghfas fuq is-sodda tnaqqas mill-*pressure*. Din titpogga taht saqajha wara li tinfaxxala saqajha. Ma hijiex procedura li tintrabat mas-sieq. Hu ma jiftakarx il-kaz x'gara pero' jekk sar hekk mhiex prattika medika tajba. Waqt l-operazzjoni jittiehdu xi notamenti (*surgical report*) li jikteb il-kirurgu. Jekk tkun tqeghdet dik l-ingwanti jew le ma tkunx indikata ghax dik tkun saret wara li tkun spiccat l-operazzjoni u l-infermiera jaghmlu dik il-procedura. Huwa l-kirurgu li jghidilhom biex jaghmluha.

Illi **Dr.Frank Bartolo** kien Supretendent tal-Isptar San Luqa fis-27 ta' Awissu 1994. Hu kien mitlub igib il-*file* tal-attrici. Spjega li l-operazzjoni kienet *"bilateral vein stripping".* Il-konsulent inkarigat kien Mr.Gatt pero' l-operazzjoni saret minn Dr.Yulovski li m'ghadux Malta. Imbaghad semma xi *staff* iehor prezenti. Mr Dennis Gatt kien imsiefer dakinhar. Ma jiftakarx min ha *"over"* izda mhux normali li Mr.Swain jikkaverja lil Mr.Gatt. Ma jirrizultax mir-*records*. Sa fejn jaf hu ma saret l-ebda nkjesta dwar dan il-kaz min-naha tal-Isptar. Jekk saritx *"Departmental Inquiry"* ma jistax ikun jaf. Hu xehed li ma jistax iwieghed li ssir inkjesta. Minn fuqu tigi l-ordni. Hu ma ftakarx li l-ittra miktuba fis-17 ta' Mejju 1996 waslet ghandu. Hu qal li ma kienx hemm ragunijiet ghalfejn l-

informazzjoni rikjesta fl-ittra msemmija damet hames (5) xhur ma ntbaghtet izda dan mhux normali.

Illi **Mr.Charles Swain** xehed li hu qatt ma kkaverja lil Mr.Gatt. Hu qatt ma gie a konoxxenza tal-kaz hlief meta kellmuh biex jistaqsuh l-opinjoni tieghu bhala espert fil-materja x'ghandu jsir u jekk il-kaz hux difensibbli jew le. Hu qal li mhux procedura li ngwanta tal-lastiku tintrabat u madwar bhala speci ta' *torniquet* u dawk il-griehi fuq ir-ritratti huma kompatibbli. Jekk saret fil-fatt sar hazin. Skond hu hija aktar kompatibbli li xi hadd libbes din l-ingwanta u jekk dik il-*garther* thalliet, specjalment jekk l-ingwanta kienet zghira, dik taghmel il-marka. Izda fuq mistoqsija tal-Qorti jekk il-metodu allegatament uzat huwiex kompatibbli ma' dak ir-ritratt qal li mhux probabbli ghax kieku kienet *torniquet* imdawra maghha l-gerha tkun cirkonferenzjali li f'dan il-kaz ma kienx hekk. Is-sitwazzjoni tal-attrici tidher li marret ghall-ahjar.

Illi 'n kontro-ezami xehed li m'hemmx raguni medika ghaliex sar hekk izda kieku fil-possibilita' remota li din saret ghal xi skop l-unika raguni li huwa setgha jahseb kienet sabiex tigi esklusa s-sieq mill-mikrobi li jista' jkollha mill-parti l-ohra li tkun giet operata.

Illi **Dr. Ray Busuttil**, *Chief Government Medical Officer*, xehed li ilu tlett (3) snin fil-kariga u sakemm ircieva t-tahrika u ra fuq xhiex kien il-kaz ma kien jaf b'xejn. Huwa gie mistoqsi fuq il-procedura meta jircievu lment. Hu qal li lment jigi minn zewg sorsi – mill-pazjent/qarib tieghu jew inkella jkun hemm ittra minghand avukat. Hu rrisponda li jekk jidentifikaw illi jkun hemm xi haga li ma marritx sew jibdew investigazzjoni. Ilment mhux dejjem jasal ghandu. Hu qal li meta jasallu lment minn fuq u minn kwalunkwe dipartiment normalment ighaddih lid-direttur koncernat biex jinvestigah jekk *prima facie* jkun ta' natura serja. L-inkjesta tkun interna. F'dan il-kaz ma jafx jekk saritx inkjesta.

Illi **Dr. John Cachia** kien *Senior Medical Officer* fid-Dipartiment tas-Sahha. Kien hemm talba mill-Avukat Galea Debono dwar Mrs. Sammut u bi ftehim din kienet

giet ezaminata mill-Professur Griffiths li pproduca rapport. Hu mhux cert li saret inkjesta formali ghax minhabba li l-kwistjoni kienet ta' *professional work* dehrilhom li l-ahjar rotta kienet parir espert. Illi huwa kkwota s-sentenza finali ta' dan ir-rapport datat 7 ta' Marzu 1996 fejn inghad *"In this case I exclude any functional disability due to the scar and I definitely would not advise any form of intervention to alter the appearance."* Hu qal li mhux minnu li wieghed lil Mr.Sammut li kienet se ssir inkjesta. Id-decizjoni li dak iz-zmien ma ssirx inkjesta hadha Dr Twanny Vassallo ic-*Chief Government Medical Officer* ta' dak iz-zmien.

Illi **Dr. Tania Vanavendonk Casha**, *General Practitioner*, xehdet li ilha taf lill-atturi xi ghaxar (10) snin. Hi ftakret li ftit granet wara li harget mill-Isptar marret taraha u kien ghad kellha l-faxxa f'saqajha. Is-swaba' tas-sieq kienu daqsxejn minfuhin izda milli setghet tara ma kien hemm xejn li nkwetaha. Hi gholliet daqsxejn ix-xifer tal-bandage u rat *"qisu bicca rubber glove".* Il-pazjenta kienet mugugha u kienet fis-sodda. In kontro-ezami qalet li c-cirkolazzjoni tal-attrici qatt ma kienet fi stat tajjeb anke qabel l-operazzjoni u wara l-operazzjoni din kienet bhal ma gieli kienet tafha qabel. Illi pero' fuq mistoqsija tal-Qorti miljorament ma kienx jidher mill-ewwel u lanqas deterjorazzjoni sakemm ma tieqafx ghal kollox. Hija xehdet li ma kienitx hi li qataghtilha l-punti.

Illi **Bernie Cascun** f'Awissu 1994 kienet rikoverata l-Isptar San Luqa b'appendicite fis-sala "WS1". Hija taf lill-attrici ghax kienet rikoverata hdejha fis-sodda magenbha lanqas divizorji ma kellhom. Hi baqghet l-Isptar mill-25 sad-29 tal-istess xahar. Hi xehdet li wara l-operazzjoni l-attrici kellha ugiegh kbir – dan wara xi saghtejn li giet f'sensiha. Baqghet bl-ugiegh l-Hadd u t-Tnejn ukoll sakemm marru biex jaraw x'kellha. L-ugiegh kien fuq il-wicc ta' saqajha x-xellugija. In-*nurses* marru t-Tnejn biex inehhulha l-faxex. Hija kienet qed tara kollox ghax kienet fuq is-sodda tan-naha tal-lemin. Meta nehhewlha l-faxex nehhewlha *par ingwanti tal-lakstu* li kienu marbuta mal-wicc ta' saqajha x-xellugija. Kienu ssikkati ghoqda u rat farrett kbir fejn kienu l-ingwanti. Hi giet murija ritratt (Dok. "F4") esebit u qalet li dakinhar kienet ftit aktar aghar u aktar skura. Hi minghalija

li *n-nurse* nehhiet l-ingwanti b'imqass. L-attrici baqghet mugugha sakemm harget mill-Isptar.

Illi in kontro-ezami qalet li hi kienet rat il-farrett bid-demm. Kull ma rat mill-ingwanti kienu l-bicca ta' fuq mhux fejn kellha ezatt issikkat mal-ferita. Hija spjegat kif in-*nurse* li kienet faccata tax-xhud ipprocediet biex tnehhi l-faxxa tal-attrici minn fuq sieqha x-xellugija – il-faxxa bdiet titnehha mill-wicc tas-sieq fejn kellha l-operazzjoni. Din kienet ghattithielha s-sieq. B'imqass qattghet l-ingwanti. Hi rat biss lil dik in-*nurse* wara l-operazzjoni – l-ebda tobba u *nurses* ohra anzi kienet iddoqq lin-*nurses* u lanqas kienu jmorru fil-hin.

Illi **Dr. Alec Sultana** f'Awissu 1994 kien SHO ma' Mr.Gatt. Hu ma ftakarx lill-attrici u ma jiftakar xejn imma ra n-noti (mhux l-*operation sheet*) minn fejn irrizulta li kien assista ghall-operazzjoni lil Dr. Yulovski li fil-fatt kien opera fuq l-attrici. Hu ma ftakarx la li ra lill-pazjenta wara l-operazzjoni – ghalkemm is-soltu hekk jaghmel - u lanqas jekk lilu personalment ilmentatx mieghu li kienet mugugha hafna. Hu normali li xi hadd wara operazzjoni bhal dik ikun mugugh. Hu spjega li meta taghmel operazzjoni tisola l-post fejn qed topera billi tghatti l-postijiet l-ohrajn biex ma jkollokx infezzjoni. Illi l-operazzjoni ssir fis-sieq kollha imma teskludi l-pala tas-sieq (*"foot"*) u b'hekk trid tghattiha. Kwindi jew iddawarha go wiehed mill-*isterile sheets* li jkollhom waqt l-operazzjoni jew inkella taghmilha go ngwanta *sterile*. Il-*latex glove* tkun *elasticated* pero' s-soltu juzaw *size kbir* biex ma tkunx issikkata hafna ghax l-iskop hu biex tghatti s-sieq biss. Wara li l-operazzjoni tkun tlestiet din titnehha u s-sieq tghattiha b'*bandage* ghax ikun hemm *bleeding* u tgholli s-sieq ghal xi jumejn. Jekk l-ingwanta tithalla fuq is-sieq tista' tikkawza ugiegh u tista' taffettwa c-cirkolazzjoni, jiddependi kemm thalliha. Is-sintomi li juru li c-cirkolazzjoni giet effettwata huma li subghajha jsiru blu, tkun mugugha f'subajha u ma thossx izjed f'saqajha. Biex ikun hemm effett bhala ugiegh fi zmien siegha jew tnejn, izda *"jekk tibqa' hekk within six hours, seven hours tibda taffettwa c-cirkolazzjoni wkoll, that's definite…"* u tista' thalli marka. Meta muri r-ritratti esebiti qal li hi kompatibbli ma' xi haga tippressa fuqha

pero’ c-cirkolazzjoni tidher tajba. Illi l-infaxxar hu parti mill-operazzjoni. Illi jekk *latex glove* tithalla l-ugiegh se jizdied. Hu zied li meta taghmel l-ingwanta tinqata’ b’xi mod. Is-soltu tintuza’ *surgical glove* wahda ghal kull sieq.

Illi in kontro-ezami qal ma jistax jiftakar jekk infaxxax is-sieq hu dakinhar. Il-faxxa tibda mill-koxxa u tghatti nofs is-sieq imma s-swaba’ jkunu barra. Is-saqajn iridu jkunu mghollija ghax wara operazzjoni bhal dik is-sieq tintefah. Imbaghad wara jumejn timtedd regolari. Jekk ikun hemm xi haga li tikkostringi mas-sieq il-kulur tas-sieq jinbidel.

Illi **Lorraine Farrugia** , f’Awissu 1994 kienet S.R.N fis-sala “WS 1”, izda lill-attrici ma ftakrithiex. **Fiona Degiorgio** kienet ukoll *nurse* fl-Isptar f’Awissu 1994 f’WS1 u ma ftakrithiex lanqas. L-istess jinghad ghal-*nurse* ohra **Therese Spiteri.**

Illi **Marianne Debono** f’Awissu 1994 kienet *nurse* fit-Theatre fl-Isptar San Luqa. Hi ma ftakritx li saret operazzjoni fuq Marianne Sammut. Illi hi gieli assistit ghal operazzjoni tal-*varicose veins*. Il-partijiet li ma jkunux se jigu operati jitghattew skond kif jippreferi l-kirurgu - jew *drapes* jew ingwanti jew faxex. L-ingwanti jkunu tal-lakstu u jintuzaw biex ighattu s-sieq. Hi ftakret biss pero’ meta ntuzaw *drapes* u mhux meta ntuzaw ingwanti. Dawn ipogguhom it-tobba u jitnehhew minn min ipoggihom.

Illi **Jacqueline Sammut**, nurse f’Awissu 1994 f’ “WS1”, ukoll ma ftakritx lill-attrici. In kontro-ezami spjegat li l-pazjenti ta’ operazzjoni bhal dik odjerna jitpoggew f’sala ta’ tmien (8) sodod. Certu *surgeons* kienu jordnaw li sodda tkun *elevated*. Il-faxex jibdew mit-*toes* ghat-*thighs* u dak iz-zmien kien ikollhom punti minn isfel sa fuq. Meta titnehha tibda minn isfel ghal fuq u jrid ikun hemm *pressure bandage* biex twaqqaf il-*bleeding*. Illi in ri-ezami qalet li ma tafx bl-uzu ta’ *latex glove* u qatt ma rat.

Illi **Emmanuel Caruana** hu *scrub nurse* fil-*Main Operating Theatre.* Xogholu hu li jkun prezenti waqt li qed issir l-operazzjoni. Hu ma ftakarx lill-attrici izda mir-registru skopra li hu kien prezenti meta giet operata u kien

*circulating nurse* jigifieri jipprovdi dawk l-affarijiet illi jkun hemm bzonn waqt l-operazzjoni. Hu gieli assista operazzjoni fuq *varicose veins* ma' Dr. Yulovski. Hemm metodu li tintuza' ngwanta fejn ilibsuha lis-sieq ghall-isterilita` mbaghad tista' tintuza' *drape* sterilizzata jiddependi mis-*surgeon*. Meta tintuza' il-latex titlibbes mis-*surgeon* u titnehha minnu. Illi bhala regola din l-ingwanta ma tithalliex taht il-faxxa izda dik hi decizjoni tal-kirurgu.

Illi l-espert inkarigat mill-Qorti **Mr. Joseph Attard** in eskussjoni xehed li l-konkluzjonijiet tieghu huma bbazati fuq x'qaltlu l-pazjenta u kif ukoll ghax is-sieq kienet tidher *"permanently swollen".* Hija haga naturali li jekk ikollok ghaksa minfuha tkun mugugha. Hi ma setghetx timxi normali – meta kienet timxi ghal zmien twil saqajha kienet tintefah u dan bhala konsegwenza tal-*"injury"* li soffriet. Hu spjega li d-dizabilita' hi li l-attrici giet operata fil-vini izda minhabba li kien hemm *compression* tal-vini ghal xi tmienja u erbghin (48) siegha wara l-operazzjoni dan wassal ghal *injury* permanenti lill-vini. Hu xehed li d-dizabilita' li kkonstata hija relatata ma' dak li qaltlu li gara l-attrici. Kawza ohra li kkontribwiet hi li meta jkun hemm *persistent compression* tibqa' tferixxi u taffetwa il-*valves* ta' vini ohra.

## (C) L-EWWEL ECCEZZJONI

Illi din l-eccezzjoni giet irtirata fis-27 ta' April 1998 *stante* li l-Avukat Generali tar-Repubbblika gie notifikat.

## (D) IT-TIENI ECCEZZJONI .

Illi l-konvenuti eccepew illi l-attur Emmanuel Sammut m'ghandu ebda "*locus standi*" f'dawn il-proceduri *stante* li d-danni huma materja personali u parafernali.

Illi din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda *stante* li skond l-**artikolu 1322 (2) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta** *"Il-jedd li jitwettqu l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja, u l-jedd li xi wiehed iharrek jew jigi mharrek dwar dawk l-atti jew li ssir xi transazzjoni dwar xi atti jkunu li jkunu, imissu liz-zewg mizzewgin flimkien."* Illi m'hemm l-ebda dubju li li tiftah kawza huwa att straordinarju, anki ghaliex kwalunkwe spejjez involuti ser jinhargu mill-komunjoni tal-akkwisti, u kwindi l-attur ghandu *locus standi* fil-kawza odjerna. Inoltre' l-inkluzjoni ta' Emmanuel Sammut fil-procedura odjerna tassigura l-integrita' tal-gudizzju.

Illi apparti dan l-azzjoni ta' danni fiha nnfisha tidhol fil-komunjoni tal-akkwisti, u kull rikavat mill-istess naturalment huwa parti mill-komunjoni tal-akkwisti u fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma hemm l-ebda dubju li kull ammont li jista' jigi likwidat f'din il-kawza jifforma parti mill-istess komunjoni, iktar u iktar meta *si tratta* ta' kumpens ghall-allegata disabilita' permanenti li tinfluwixxi fuq il-kapacita' *o meno* tal-parti li wkoll tikkontribwixxi ghall-istess komunjoni. Illi f'dan is-sens l-istess mertu ta' din il-kawza jidhol taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1320** inkluzi **(a) (b)** u anke **(d).**

## (E) IT-TIELET U R-RABA' U L-HAMES ECCEZZJONI.

### (i) RESPONSABBILTA'.

Illi l-konvenuti eccepew illi ma jirrispondux ghad-danni reklamati *stante* li l-istess ma grawx tort taghhom.

Illi mill-provi prodotti rrizulta li l-attrici Marianne Sammut kellha problema f'saqajha bil-vini varikuzi. Hija marret tkellem privatament lil Mr.Dennis Gatt li qalilha li biex tfieq kellha bzonn operazzjoni. Ghalkemm hi xtaqet taghmilha privat ma qablux fuq il-prezz u b'hekk issuggerilha biex taghmilha l-Isptar fejn ftehmu li kellu *team* ta' tobba professjonali mmexxija minnu u li setghet tigi operata facilment hemmhekk. Fis-26 ta' Awissu 1994 hija giet rikoverata l-Isptar f'"WS1" biex tigi operata l-ghada.

Illi mill-provi rrizulta pero' li dak li allegat l-attrici fic-citazzjoni gie ampjament ippruvat anki jekk ma rrizultax min kienet il-persuna li ghamlet hekk. Irrizulta nfatti li wara l-operazzjoni msemmija ir-rigel tax-xellug ta' l-attrici kien instab marbut b'zewg ingwanti tal-lasktu li jintuzaw waqt l-operazzjonijiet mill-kirurgu jew mill-i*staff* mediku waqt ix-xoghol taghhom. Illi ghall-ewwel tmienja u erbghin (48) siegha wara l-operazzjoni l-attrici soffriet minn ugiegh kbir fir-rigel tax-xellug. Meta hi lmentat dwaru mal-i*staff* qalulha li kienet haga normali li thoss wara operazzjoni bhal dik. Izda meta tnehhitilha l-faxxa kien hemm *"surgical gloves"* marbutin u mremblin bhal *torniquet* madwar ir-rigel tax-xellug, u kien hemm ukoll ghoqda fuq il-*"lower outer surface"* tal-istess rigel.

Illi dan gie ampjament konfermat mix-xhud **Bernie Cascun** li kienet pazjenta wkoll u li meta tnehhew il-faxex tal-attrici kienet prezenti u setghet tara dak kollu li kien qed jigri. Hi xehdet li l-attrici kellha ugiegh kbir wara li nizlet mill-operazzjoni. Hi qalet li meta nehhewlha l-faxex nehhewlha par ingwanti tal-lasktu li kienu marbutin mal-wicc ta' saqajn ix-xellugija tal-attrici. Dawn kienu ssikkati ghoqda u x-xhud setghet tara li kien hemm farrett ahmar.

Illi diversi xhieda gew mistoqsija dwar jekk hemmx xi prattika li jintuzaw ingwanti tal-lasktu. Illi **Dr. Alec Sultana** spjega li meta tkun qed issir operazzjoni wiehed irid jisola l-post fejn ikun qed jopera billi jghatti l-postijiet l-ohrajn biex ma jkollokx infezzjoni. Hu spjega li allura s-sieq trid

jew tghattiha bl-*isterile sheets* waqt l-operazzjoni jew inkella taghmilha go ngwanta sterili. Il-*latex glove* tkun *elasticated* – imma generalment jintuza' *size kbir* biex ma tkunx issikkata hafna ghax l-iskop taghha hu biex tghatti s-sieq biss. Illi imbaghad din titnehha u titghatta *b'bandage*. Illi hu xehed li jekk tithalla ghal hafna hin tista' anke taffettwa c-cirkolazzjoni. Fi zmien siegha/tnejn tibda thoss l-ugiegh; wara sitta/seba' sieghat tibda taffettwa c-cirkolazzjoni u tista' thalli marka. Meta muri r-ritratti esebiti huwa kkonceda li l-marki fuq ir-rigel tal-attrici huma kompatibbli ma' xi haga tippressa fuq il-gilda. Illi kemm huwa kif ukoll xhieda ohra, fosthom Emmanuel Caruana, ikkonfermaw li meta tintuza' il-*latex glove* din titlibbes mill-kirurgu u titnehha minnu; kif ukoll illi l-infaxxar isir qabel ma' l'pazjenta tohrog mill-operazzjoni u li dawn isiru mill-kirurgu u tobba li jkunu qed joperaw pero' dejjem hi r-responsabbilta' tal-kirurgu.

Illi **Dr. Anthony Formosa** wara li ra r-ritratti kkonkluda li dik il-parti tas-sieq li tidher kienet *"post fuori causa".*

Illi **Mr.Charles Swain** qal li m'hemm l-ebda raguni medika ghaliex din setghet thalliet u jekk sar hekk sar hazin. Illi din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li in effetti gara hekk u b'konsegwenza ta' din in-negligenza l-attrici soffriet dizabilita' permanenti.

Illi dan huwa kkonfermat minn dak li xehed l-espert mediku mqabbad mill-Qorti Dr. Joseph Attard li fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2002 sostna li:-

*"Id-disability huwa l-fatt li din kellha vini li kienet operata, li kienu operati u kien hemm compression tal-vini ghal xi forty eight hours after the surgery and this does induce permanent injury to the veins".*

Illi dan kollu gie kkawzat mill-fatt li wara l-operazzjoni proprja fuq il-vini, tqeghdu *surgical gloves* maqdin mal-ghaksa tax-xellug b'metodu msejjah *torniquet* u dan bl-iskop li tigi izolata l-parti li giet operata mill-kumplament tas-sieq, u dan sabiex ma jkunx hemm infezzjoni; jidher li f'din l-operazzjoni partikolari fejn gie adottat dan il-metodu

li ma jidhirx li ghadu fil-prattika li jigi uzat, l-istess ingwanti kienu mghafusin wisq mas-sieq bil-konsegwenza li kien hemm kompressjoni fuq partijiet tas-sieq fejn l-istess ingwanti kienu qed jghaffsu li hallew ugieh fuq l-attrici u wkoll marki kif jidher mir-ritratti esebiti, bil-konsegwenza li l-istess attrici baqghet tbati mill-istess griehi kkawzati b'din l-ispeci ta' rabta kif indikat mill-istess espert mediku fir-rapport tieghu datat 13 ta' Jannar 2000 fejn innota li fuq is-sieq ix-xellugija hemm *"a visible but not gross depression just above the anterior side of the left anke at the site of the former compression. There are no skin changes".*

Illi dan huwa wkoll kkonfermat mic-certifikat ta' **Dr. Victor Sultana** datat 12 ta' Settembru 1996 fejn dan sostna li:-

*"According to the patient and her husband, the bandages and dressings were removed forty eight hours later. I would like to point out that when the dressings and bandages on the left lower limb were removed, 2 surgeon's gloves were found actually rolled up like a rope, (and not fitted as stated previously on the 3/1/96 "like when putting a glove on the hand) This rope was tied tightly around the left foot like a torniquet, at the site where laces are normally tied. A knot was present on the lower outer surface of the foot at this site. Due to this rope there was a painful area running across the dorsal aspect of the left foot. This was painful, tender and red. The toes were white while there was a swelling of the foot above the rope. This area has persisted as a scar to this very day".*

*"On examination, there is a reddish brown scar running transversely across the dorsal aspect of the left foot for 3.5 inches, tapering towards the outer part for a further 1 inch. The scar is situated 5.5 inches from the tip of the big toe".*

*"Although the scar is no longer painful, yet she cannot put on any shoes she likes because only certain shapes of footwear can cobber this scar".*

Illi l-istess konkluzjoni ghamel l-istess perit mediku mqabbad minn din il-Qorti tant li jghid:-

*“She complains of a painful left ankle especially after standing for a long time, when the ankle and outer side of the left foot are swollen, this also renders her unable to wear normal shoes”.*

Illi minn dan kollu jirrizulta li saru diversi nuqqasijiet fl-operazzjoni prattikata fuq l-attrici fl-Isptar San Luqa, u dan bil-mod kif intrabtu l-istess griehi mill-persuna jew persuni li ghamlu l-istess operazzjoni fuqha, tant li jirrizulta li l-istess ingwanti tal-*latex* jew *surgical gloves* gew marbuta b’mod mhux konvenzjonali u kontra l-prattika medika sabiex jghattu is-sieq operata minn kontaminazzjoni ta’ mikrobi jew infettazzjoni, pero’ dawn gew ukoll marbuta permezz ta’ ghoqda li kienet qed tghafas eccessivament fuq dik il-parti tas-sieq li maghha kienet tmiss, bil-konsegwenza li kien hemm kompresjoni serja fuq l-istess sieq li kkawzat anke ugiegh fuq l-istess pazjenta.

Illi dan mhux biss izda jirrizulta li ghalkemm il-prassi hija skond il-professjoni medika li l-istess irbit u infaxxar jitnehha mill-istess konsulent li opera, f’dan il-kaz ma jidhirx li gara hekk, u mhux biss izda l-istess konsulent lanqas jidher li ra jew segwa l-kaz taghha; minbarra dan l-istess attrici thalliet bl-istess ugiegh u bl-imsemmi rbit pjuttost iebes ghall-tmienja u erbghin (48) siegha shah, nono*stante* l-fatt li hija kienet kontinwament tilmenta li kellha ugiegh kbir, u hadet biss l-attenzjoni tal-i*staff* tal-Isptar inkluz l-istess *nurses* li kienu fil-Ward taghha, wara dan il-hin, b’dan li l-istess marki fuq is-sieq, kif identifikati mill-espert mediku Dr. Joseph Attard saru permanenti bil-konsewgenzi minnu deskritti.

Illi in-nuqqas *da parti* tal-funzjonarji tal-Isptar ma waqafx hawn izda ghaliex nono*stante* l-ilmenti li saru mill-atturi dwar dak li soffriet l-attrici, u f’dak li dak iz-zmien kienu l-allegazzjonijiet taghha, anke supportati minn rapport ta’ persuna medika, l-istess awtoritajiet tal-istess Sptar lanqas jidher li ghamlu investigazzjoni interna, u biex gew akkwistati l-ismijiet tal-persuni li setghu kienu qed joperaw

f'dan il-kaz, jidher u jirrizulta mill-provi li kienet battikata konsiderevoli; u fil-fatt mill-istess *staff* li ittella' jixhed quddiem din il-Qorti, kollox kien fix-xhieda taghhom fi stat neboluz u dubjuz, tant li lanqas jista' jinghad li inzammu *records* sewwa dwar din il-pazjenta mill-istess Sptar, u fil-fatt dan kollu juri traskuragini konsiderevoli *"right through"* u minn fuq s'isfel fit-trattament tal-istess pazjenta fl-istess Sptar.

Illi dan huwa iktar gravi meta wiehed jikkunsidra li fir-rapport datat 7 ta' Marzu 1996 li ghamel il-Profs. Griffiths wara li ezamina lill-attrici fil-5 ta' Marzu tas-sena 1996, kif imqabbad mill-awtoritajiet tal-Isptar biex jezamina l-istess attrici wara l-ilment taghha, apparti l-fatt li l-istess rapport sar biss wara sena u sebgha xhur minn meta l-attrici dahlet l-ewwel darba l-Isptar ghal din l-operazzjoni (26 ta' Awissu 1994), jidher li l-marki li lmentat l-attrici dwarhom f'din il-kawza kienu ghadhom jidhru, u ghalhekk l-ilment tal-attrici kien gja iktar minn semplici allegazzjoni.

Illi fil-fatt l-istess rapport jinghad li:-

*"On the dorsum of the foot just distal to the ankle joint there is an 8cm long transverse scar which is rather broad (0.25cm) and thus readily distinguishable from the adjacent skin; it is not tethered to the underlying subcutaneous tissues. There is no tenderness in the area. The lateral border of the foot at this level shows a similar faint scar with the slight indentation. Movement at the ankle joint and the rest of the foot are normal".*

Illi huwa veru li l-istess Professur qal li *"the scar of the dorsum of the left foot was probably caused several months ago by localised damage to the skin",* pero' mill-provi fuq prodotti nkluzi dawk tal-esperti fuq citati jidher car li dawn il-griehi jew marki gew ikkawzati minhabba l-mod kif l-istess feriti f'saqajn ix-xellugija tal-istess attrici gew marbutin mill-funzjonarji tal-istess Sptar, u fil-fatt fl-istess rapport tal-imsemmi Profs. Griffiths hemm deskrizzjoni wkoll dettaljata ta' dan tant li jinghad:-

*"As soon as the bandage was removed she saw that on her foot near the ankle there were two gloves ("*tal-plastik, trasparenti, bhal dawk li juzaw it-tobba u n-*nurses"). These gloves were not simply drawn on smoothly over the foot but they were rolled up and twisted and tightened ("*mibrumin u imkebbin*") round the upper part of the foot near the ankle, and they had to be cut by the nurse to remove them … … … … … Swelling and discolouration persisted for some time, and her doctor treated her for the inflammation. She has developed a scar exactly over the site of constriction by the gloves with the groove at the edge of the sole".*

Illi minn dan ukoll ghalhekk jidher li l-ilment tal-istess attrici huwa ppruvat, anke mill-istess provi migjuba mill-konvenuti nnifishom, u minn dan kollu jidher konfermat u kkorroborat dak kollu allegat mill-attrici u li fuq gja gie indikat f'din is-sentenza fejn jidhru li saru diversi nuqqasijiet mill-funzjonarji tal-Isptar involuti f'dan il-kaz u dan huwa senjatament l-mod kif l-istess feriti tal-attrici gew mghottija w infaxxati b'ingwanti *latex* imsemmija u r-rabta li saret bihom ma sieq l-attrici li kkawzatilha ugiegh u anke marki li ghadhom ezistenti sallum meta dan ma sarx bil-mod rikjest mill-professjoni u prassi medika, il-mod kif l-ilmenti tal-attrici dwar l-ugiegh li kienet qed thoss mill-istess irbit ma giex indirizzat mill-ewwel izda biss wara tmienja u erbghin (48) siegha, il-mod kif il-konsulenti kollha involuti lanqas biss kienu huma li nehhew l-istess infaxxar meta jirrizulta li skond il-prattika hekk suppost li sar, il-mod kif il-kaz taghha ma gie segwiet mill-ebda konsulent, la dak li ghamel l-*admittance* taghha l-Isptar u lanqas mill-konsulent jew kirurgu li opera, l-mod kif l-ilment tal-attrici baqa' ghal zmien twil mhux investigat tant li sar rapport biss dwaru xi sena u sebgha xhur wara l-istess operazzjoni, u dan bla ma indika jew issugerixxa dak li sar hazin fil-kaz tal-attrici, meta ovvjament tali *scar*s qatt ma kellhom jirrizultaw wara operazzjoni ta' *varicose veins,* u dan huwa iktar serju meta wiehed jikkonsidra li l-griehi jew ahjar il-marki li soffriet l-istess attrici fuq saqajjha ma hemm l-ebda dubju mill-provi prodotti li gew ikkawzati mill-irbit hazin tal-istess griehi u li tali irbit bl-

ingwanti msemmija thalla fuq l-attrici ghall-48 siegha shah, nono*stante* l-ilmenti tal-attrici.

Illi dawn il-fatti ma gew bl-ebda mod ikkontrastati mill-konvenuti, u fix-xhieda minnhom proposta kull ma ghamlu kien biss li wrew ruhhom indecizi u mhux certi dwar min kellu effettivament x'jaqsam ma dan il-kaz, pero' fl-ebda mument ma taw spjegazzjoni ghaliex il-feriti kienu marbutin b'dak il-mod u b'dik is-sahha, u lanqas spjegazzjoni ghaliex l-attrici thalliet f'dan l-istat ghall-48 siegha shah. Hija l-opinjoni tal-Qorti wkoll li nvestigazzjoni *a tempo debitu* ordnata mill-konvenuti kienet twassalhom ghar-rizultati odjerni hafna iktar qabel, apparti li kien jistabbilixxi l-fatti rejali u l-involviment tal-i*staff* tal-Isptar f'dan il-kaz.

Illi anke min-nota tal-osservazzjonijiet tal-istess konvenuti jirrizulta ammess li kien hemm u ghad hemm l-istess "*scar*" u jidher li l-oggezzjoni principali tal-konvenuti hija mmirata principalment ghas-sottomissjoni li tali *scar* ma kkagunat ebda danni rejali lill-attrici izda hija biss kosmetika, punt li ser jigi wkoll trattat iktar il-quddiem. Mill-bqija ma hemm spjegazzjoni ta' xejn ghaliex saret l-istess marka fuq sieq l-attrici, u dan huwa iktar serju meta wiehed qed jittratta ma awtoritajiet medici.

Illi minn dan kollu jidher li l-attrici ppruvat in-ness ta' kazwalita' necessarji bejn l-griehi minnha sofferti u l-operat tal-awtoritajiet u l-funzjonarji tal-Isptar San Luqa minn fejn jirrizulta li kien hemm negligenza serja fir-rigward ta' kif l-attrici giet trattata kemm waqt u wara l-istess operazzjoni fuq sieqha ghall-vini varikuzi, u hawn senjatament il-Qorti qed tirreferi ghall-mod kif l-istess griehi fuq is-sieq ix-xellugija tal-attrici gew mghottija u marbuta bl-ingwanti imsemmija, kif gew marbuta iebsin fuq saqajjha, kif l-istess ingwanti thallew hemm ghall-48 siegha shah *nonostante* l-ugiegh u l-ilmenti tal-attrici, kif dawn inqatghu wara tali hin, kif l-istess attrici ma gietx investigata mill-istess konsulenti, kif il-kaz taghha gie trattat b'negligenza u mhux fil-hin propizju, tant li fl-ahhar mill-ahhar l-istes attrici ma kellhiex triq ohra hlief li tressaq

dan l-ilment u l-aggravju taghha lil din il-Qorti, li qed tiddeciedi l-kaz taghha llum.

Illi ma hemmx dubju li l-konvenuti fil-kwalita' taghhom premessa huma responsabbli ghall-operat tal-funzjonarji taghhom u wkoll ghad-decizjonijiet li inhadu mill-istess *staff* taghhom u anke ghad-decizjonijiet il-hziena u negligenti li inhadu mill-istess awtoritajiet inkluzi l-konvenuti fil-kwalita' ufficjali taghhom jew il-persuni li kienu jokkupaw l-istess kariga fiz-zmien in kwistjoni u l-persuni responsabbli mit-tmexxija tal-istess Sptar, inkluz ukoll il-mod kif l-istess ilment tal-attrici gie trattat b'nuqqas ta' speditezza, u dan immaterjali jekk il-gerha sofferta mill-attrici kienitx kosmetika jew le; u dan huwa iktar u iktar sinfikanti meta wiehed jikkonsidra d-drittijiet tal-pazjent li huma llum rikonoxxuti universalment inkluz dik ta' informazzjoni *a tempo debito.*

Illi minn dawn in-nuqqasijiet kollha, apparti d-decizjonijiet li hadu l-awtoritajiet innifishom tal-Isptar fl-investigazzjoni jew in-nuqqas ta' investigazzjoni ta' tali lment, inkluz id-dewmien ta' l-ghoti tal-istess informazzjoni, ma hemm l-ebda dubju fl-opinjoni ta' din il-Qorti, li dan huwa kaz ta' negligenza u *malpractice* f'dak kollu li ghandu x'jaqsam mal-kura medika li inghatat l-attrici fl-istess sptar u senjatament kif gew mghottija l-istess griehi bl-ingwanti imsemmija, u n-nuqqas tal-addetti tal-istess sptar li jirrejagixxu fil-hin propizju ghall-ilmenti ta' ugiegh tal-istess attrici, bil-konsegenzi gja fuq deskritti.

Illi ghal dik li hija responsabbilta' tal-incident *de quo* skond l-**artikolu 1031 tal-Kap 16** jinghad li *"kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu".* **("Paul Zahra vs Direttur tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici" -** A.C. 3 ta' Dicembru 1991).

Illi *ai termini* tal-**artikolu 1032 tal-Kap 16** *"jitqies fi htija kull min bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb ta' familja".*

Illi fis-sentenza **"Anthony Zerafa vs Joseph Sacco"** (P.A. (RCP) 29 ta' Marzu 2001) inghad illi *"minn dawn l-*

*artikoli kollha ma hemm l-ebda dubju li kull min minhabba n-nuqqas ta' attenzjoni tieghu, b'negligenza u b'nuqqas ta' prudenza fil-grad rikjest mill-ligi jikkawza bl-atti jew bin-nuqqasijiet tieghu jikkawza hsara lill-haddiehor, ghandu jirrispondi ghal tali hsara hekk ikkawzata, u dan jaghti lok kemm ghall-azzjoni kriminali u kemm ghall-azzjoni civili".*

*"Illi ghal dak li tirrigwarda l-azzjoni civili, din tirrisolvi ruhha f'kawza ghal dikjarazzjoni tar-responsabbilta' u ghall-hlas tal-eventwali danni sofferti inkluzi damnum emergens u lucrum cessans inkluz f'kaz ta' dizabilita' permanenti dak stipulat fl-**artikolu 1045".***

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti u kif gja fuq espress tirrizulta bla ebda dubju responsabbilta' u negligenza *da parte* tal-addetti kollha tal-istess sptar li kienu involuti fil-kaz tal-attrici u dan peress li kull faxxa, *cover,* jew mezz iehor li kellu jintuza' sabiex il-griehi f'saqajn l-attrici ma jigux kontaminati certament ma kellux iwassal sabiex l-attrici ssofri ugiegh u marki minhabba l-istess infaxxaturi jew ahjar ingwanti attwalment uzati biex jipprotegu s-sieq minn infezzjoni; nuqqas iehor kien li *nonostante* l-ilment tal-attrici dwar il-mod li tali infaxxaturi w ingwanti kienu marbuta u qed iwegguha baqa' ma sar xejn mill-addetti tas-sala fejn kienet rikoverata meta l-ugiegh kien relattat mal-mod kif saru l-istess ingwanti, u baqa' ma sar xejn ghall-48 siegha; negligenti wkoll kienu r-rimedji li inhadu anke wara tali hin, meta l-istess ingwanti tnehhew min-*nurses* u mhux mill-konsulent li ghamilhom, u l-mod kif l-attrici giet anke trattata wara dan, fejn waslet biss sabiex wara hafna xhur giet ezaminata minn Profs. Griffiths u xejn izjed; f'dan zgur li hemm in-negligenza wkoll tal-konvenuti li huma responsabbli ghas-sorveljenza u tmexxija tal-impjegati kollha tal-istess Sptar.

Illi apparti dan kollu l-istess konvenuti ecceppew ukoll il-*culpa in eligendo* pero' dan il-kuncett gie estiz fil-gurisprudenza nostrali mhux biss ghall-mument meta l-istess persuna tigi ngaggata, izda ifisser ukoll li l-persuna li tinkariga persuna ohra li taghmel xi xoghol, tibqa' hija responsabbli wkoll jekk dik il-persuna li effettivament hadmet taht inkarigu taghha tkun ghamlet ix-xoghol

b'negligenza u nuqqas ta' hila skond id-disposizzjonijiet fuq citati u l-**artikolu 1037 tal-Kap 16.**

Illi fi kliem iehor japplika dak li gie ritenut fis-sentenza **"Tabib Joseph R. Grech vs Kummissarju tal-Pulizija"** (A.C. (HH) l-1 ta' Marzu 1988) fejn inghad li *"kull min ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta' hila jew illi ma jkollux hila, hu obbligat ghall-hsara illi dik il-persuna, minhabba nuqqas ta' hila taghmel dannu lill-haddiehor fl-esekuzzjoni tax-xoghol jew servizz fuq imsemmi",* b'dan li l-konvenuti ghandhom jirrispondu ghall-inkompetenza u negligenza tal-addetti w impjegati taghhom, u ghalhekk huma responsabbli wkoll ghad-danni kawzati lill-attrici. Tal-istess portata hija s-sentenza **"Naudi vs Schembri"** (A.K. 13 ta' Mejju 1991) u **"John Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et"** (Q.K. 21 ta` Jannar 1993); "**Eddie Fenech Adami et nomine vs Carmelo Bonello"** (A.C. 28 ta' Gunju 2002) u **"Jacqueline Cremona vs Water Services Corporation"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002. Citaz. Nru. 1480/95).

Illi l-konsegwenza ta' dan hija ghalhekk li l-vittma tad-danni subiti tista' tfittex kemm lill-persuni li ghamlu x-xoghol, jew ikkawzaw id-dannu realment bl-atti u bl-operat taghhom, kif ukoll il-persuni li impjegaw lill-istess addetti kollox skond id-disposizzjonijiet tal-**artikoli 1032 sa 1038,** b'dan li azzjoni kontra wiehed ma teskludiex lill-ohra, dment li l-istess vitma tithallas tad-danni fil-limiti biss ta' dak provdut fl-**artikoli 1045 u 1046.**

Illi dan kollu kemm dwar responsabbilta' tal-konvenuti u dan fit-termini taghhom ta' amministraturi tal-Isptar u datturi tal-impjieg jaqbel ma dak li ntqal fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi fejn gie ppruvat li din l-operazzjoni saret taht in-*National Health Scheme* nazzjonali li taghha huwa responsabbli l-konvenut *Chief Government Medical Officer* li mhux biss ghandu l-mansjoni u d-dover li jaghzel u jahtar l-i*staff* ta' l-Isptarijiet imma li jara u jissorvelja li dak li jsir go l-Isptarijiet tal-Gvern fejn ic-cittadin ghandu d-dritt tal-kura medika minghajr hlas, ikollu trattament ta' l-ghola u l-aqwa kwalita' u fuq kollox b'mod professjonali u li ma jsirux zbalji

minhabba traskuragni u negligenza bhal ma invece sar fil-kaz in kwistjoni.

Illi l-istess konvenuti huma responsabbli mmaterjalment issirx l-identifikazzjoni tal-medici jew membri tal-i*staff* paramediku li kienu effettivament responsabbli ghal dan il-*"malpractice*", u l-istess konvenuti ghandhom jirrispondu kemm ghall-agir taghhom u kemm ghan-nuqqasijiet kawza ta' negligenza, traskuragini, nkompetenza u nuqqas ta' attenzjoni u debita kura li jigu attwati mid-dipendenti taghhom u ghalhekk fl-isfond ta' dak fuq citat ma tistax tirnexxi d-difiza taghhom u dan ghar-ragunijiet fuq esposti u wkoll ghaliex il-funzjoni tal-*Chief Government Medical Officer* ma tieqafx biss fl-ghazla w l-hatra tat-tobba u l-i*staff* mediku imma testendi wkoll ghas-sorveljanza u l-amministrazzjoni gornaljera tal-addetti tieghu, u fejn dawn jonqsu hu ghandu d-dover li jaghmel tajjeb ghad-danni kagjonati minnhom.

Illi dwar r-responsabbilta' tal-konvenut Dr.Frank Bartolo MD kemm f'ismu proprju kif ukoll bhala Supretendent ta' l-Isptar San Luqa apparti li dak premess japplika ghalih ukoll b'mod naturali jinghad li l-imsemmi konvenut naqas ghal tul ta' zmien ta' hames xhur milli jwiegeb ghall-ittra mibghuta lilu fis-17 ta' Mejju 1996 (Dok."C" a fol.7 tal-process) fejn gie mitlub li jaghti lill-atturi l-ismijiet u l-indirizzi tal-kirurgi, assistenti kirurgi, tobba u *nurses* involuti fl-operazzjoni in kwistjoni w l-kura post-operattiva, u dana biex din l-azzjoni tkun tista' tigi diretta wkoll kontra taghhom jew min minnhom kien irrizulta li naqas fl-arti w s-sengha medika. Illi minkejja protest gudizzjarju din l-informazzjoni baqghet ma nghatatx lill-atturi qabel ma ghadda l-perjodu tal-preskrizzjoni b'mod li ma kienx ghadu aktar possibbli ghall-atturi li jiehdu passi kontra l-persuni kollha nvoluti li setghu kienu responsabbli ghan-nuqqas allegat.

Illi infatti bhala kronoka jigi registrat li kien biss fil-5 ta' Settembru 1996 (Dok. "D" a fol. 8 tal-process), u cioe' ftit jiem wara li skadiet il-preskrizzjoni ta' sentejn kontra l-membri ta' l-i*staff* involuti li l-konvenuti baghtu l-informazzjoni rikjesta.

Illi ghalhekk dawn l-eccezzjonijiet ukoll ghandhom jigu michuda.

(ii) LIKWIDAZZJONI TA' DANNI

Illi jirrizulta li meta l-attrici giet operata kellha seba' u tletin (37) sena u tenut kont tal-**artikolu 1045 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li jipprovdi li:-

*"Persuna responsabbli ghandha twiegeb ('inter alia') ghat-telf ta' qliegh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-ghemil seta' jgib".*

Illi **fl-artikolu 1045 (2)** jinghad li tali *"somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u b'mod partikolari, x-xorta w il-grad ta' inkapacita` ikkagunata, u l-kundizzjoni tal-parti li* tbati l-hsara".

Illi tali regoli gew supplimentati bil-principji stabbiliti fil-kawza **"Michael Butler vs Peter Christopher Heard"** (A.C 22 ta' Dicembru 1967) li pero` giet aggustata ghaz-zminijiet aktar ricenti peress li kif intqal fil-kawza **"Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et"** (A.C. 16 ta' Novembru 1983) fejn intqal li:-

*"ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu".*

Illi hekk per ezempju ghar-rigward tal-*multiplier* applikat ghall-kuncett tal-*working life expectancy of the victim* fejn qabel ic-*ceiling* qatt ma eccedda l-20 sena, pero` llum bis-sentenza **"Mary Bugeja nomine et vs George Agius nomine"** (A.C. 26 ta' Lulju 1991) is-sitwazzjoni tbidlet sostanzjalment ghaliex l-istess Onorabbli Qorti rrikonoxxiet illi ghalkemm is-sistema stabbilita f'**Butler vs Heard** hija dik l-iktar addatta, sakemm tinstab sistema ohra ta' komputazzjoni ohra aktar gusta, pero` dan ma

jfissirx illi *"l-Qorti ghandha jew tista' tikkonsidra ruhha marbuta rigorozament ma' applikazzjoni tas-sistema msemmija li jorbtilha jdejha li dejjem u f'kull kaz ghandha tapplika multiplier li f'certi cirkostanzi evidentement ikun iwassal ghall-likwidazzjoni irreali jekk mhux addirittura ngusti. Fil-fehma konsiderata taghha, sistema, tkun liema tkun, hija tajba purche' thalli f'idejn il-gudikant dak il-margni ta' diskrezzjoni li hu jhoss li konformament ma' l-aspetti partikolari ta' kull kaz hu necessarju sabiex issir gustizzja".*

Illi dan gie segwit bis-sentenza **"Vincent Axisa vs Alfred Fenech et"** (P. A. 16 ta' April 1991) fejn il-Qorti sostniet illi *"din il-Qorti hija tal-fehma li ma ghandhiex tkun marbuta ma decizjonijiet li jillimitaw il-life expectancy sa massimu ta' ghoxrin sena",* u tali principju gie konsistentement segwit u zvillupat mill-gurisprudenza nostrali tenut kont dejjem tac-cirkostanzi kollha tal-kaz in partikolari, u inkluz *'changes and chances'* tal-hajja b'dan li l-Qorti ma ghandha tkun qatt marbuta ma "*xi massimu gia stabbilit sal-lum li, fl-ahhar mill-ahhar, huwa dejjem arbitarju w opinistiku".* (**"Karen Zimelli vs Michael Sammut"** - P.A.).

Illi din it-tendenza giet segwita f'diversi sentenzi fosthom **"Jacqueline Cassar vs Joseph Buhagiar et"** (P.A. 1 ta' Marzu 1992); **"Duncan Vassallo vs Khalid Schwej"** (P.A. 8 ta' Marzu 1996); **"Robert Barbara vs Saviour Galea"** (P.A. 11 ta' Ottubru 1996); **"Susan Davies vs Anthony Galea"** (P.A. 10 ta' Ottubru 1997); **"Joseph Attard vs Carmelo D'Amato"** (P.A. (N.A) 5 ta' Ottubru 1999); **"George Gatt vs Francis E. Carbone"** (App. 7 ta' Lulju 1998); **"Anthony Turner et vs Francis Agius et"** (G.C.D. 17 ta' Frar 1998); **"Arthur Bonello nomine vs James Camilleri et"** (J.S.P. 13 ta' Jannar 1998"), fejn ghalhekk il-*multiplier* gie aggustat sabiex jirrifletti r-realta` odjerna, u aspettattiva iktar ekwa u konformi mal-gustizzja effettiva.

Illi fil-fatt din it-tendenza, alimentata mill-animu sabiex id-danneggjat ikun verament u realment ikkumpensat tad-danni li soffra, u dan apparti l-kuncett ta' *"pain and suffering",* giet mehuda ukoll oltre f'certi pronunzjamenti

mill-Qrati taghna, fosthom **"Mary Bugeja vs George Agius"** (P.A. J.H. 12 ta' Jannar 1987) li sostniet illi:-

*"l-Qrati fil-pronincjamenti taghhom dwar il-kriterji li ghandhom jintuzaw biex jippruvaw jaghmlu tajjeb ghall-incertezzi li l-likwidazzjoni ta' danni f'kazijiet simili, dejjem jaghtu lok ghalihom li qatt ma jirrinunzjaw ghall-fakolta` diskrezzjonali taghhom … … …. Dik l-Onorabbli Qorti ppronunzjat ruhha li taqbel li ghandu jkun hemm certa elasticita` ta' kriterju ghaliex il-pronunzjament huwa wiehed ta' probabilita`. Id-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss li meta tinghata b'sentenza mhiex aktar soggetta ghall-ebda revizzjoni. Ghalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realta`".*

Illi fil-fatt din ghandha tkun il-mira ta' kull evalwazzjoni u kalkolazzjoni ta' danni. Din l-istess vina giet segwita fil-kawzi **"Emmanuel Agius vs Joseph Galea et nomine"** (K.G.M.B. 11 ta' Lulju 1989) u **"Mario Camilleri vs Mario Borg et nomine"** (G.M.B.) fejn inghad illi *"l-gustizzja li taf il-Qorti hija dik li fil-limiti tar-realta` u kemm huwa possibbli, terga tpoggi l-vittma, ta' kwalsiasi att ingust, fl-istat li kienet qabel … … Huwa ngust li f'dawn il-kazijiet, u fejn ir-restituzzjoni fizika tal-gisem u s-sahha tal-vittma ta' l-att illegali w ingust ta' haddiehor m'huwiex possibbli, ma tassikurax kemm tista' jkun kompensazzjoni adegwata. Altru milli imprevist. L-ezercizzju huwa fuq ir-realta` sakemm hija prevedibbli a bazi ta' statistika w induzzjoni".*

Illi aktar jidher car li a bazi tal-ligi taghna, il-kwantifikazzjoni tad-danni hija f'latitudini wiesgha imhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u ghalkemm certi principji ghandhom jezistu, u fil-fatt jezistu ghas-soluzzjoni tal-istess, dawn certament ma humiex assoluti, u l-Qorti zgur li ma hijiex obbligata li tapplika l-istess, specjalment meta ir-rizultat tal-applikazzjoni taghhom ma jwassalx ghall-kumpens reali u adegwat.

Illi l-Espert Mediku appuntat mill-Qorti, il-Kirurgu **Joseph Attard**, wara li ra lill-attrici, ikkonkluda s-segwenti:-

*"She complains of a painful left ankle especially after standing for a long time, when the ankle and outer side of the left foot are swollen. This also renders her unable to wear normal shoes".*

*"I therefore award her a permanent disability of 7%."*

Illi ghalkemm huwa bbaza l-konkluzjonijiet tieghu fuq dak li qaltlu l-attrici pero' huwa seta' jara li l-parti in kwistjoni kienet tidher *"permanently swollen"*. Ovvjament dan iwassal ghall-ugiegh. Inoltre' hija ma setghetx timxi sew u meta timxi ghal zmien twil saqajha kienet tintefah u dan bhala konsegwenza tal-*injury* li soffriet. Huwa infatti spjega wkoll li minhabba li kien hemm *compression* tal-vini ghal xi tmienja u erbghin (48) siegha wara l-operazzjoni dan wassal ghal *injury* permanenti lill-vini. Fl-ahharnett huwa kkonkluda li d-dizabilita' li kkonstata hija relatata ma' dak li qaltlu l-attrici.

Din il-Qorti tadotta din il-konkluzjoni u mhix se tirreferi ghall-ebda rapport *ex parte* li gie pprezentat fil-procedura odjerna, anke peress li l-istess perit mediku rrisponda fl-eskuzzjoni tieghu ghall-mod kif huwa wasal sabiex ikkonkluda dwar id-dizabilita' permanenti u l-grad taghha u dan huwa bbazat mhux sempliciment fuq kuncett estetiku u dwar id-debilita' attwali, minnu certifikata li effettivament qed issofri l-istess attrici kawza tal-istess gerha kkawzata.

Illi fis-sentenza **"Spiteri Tiles Ltd vs Raymond Borg"** (P.A. (RCP) 28 ta' Frar 2002) Citaz.Nru.408/97) inghad li *"huwa sintomatiku ghalhekk li fid-dawl ta' dan kollu jinghad li ghalkemm il-Qorti ma hijiex tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha nnfisha, kif fil-fatt huwa dettat mill-***artikolu 681 tal-Kap 12,** *jibqa' jippersisti l-fatt li tali konkluzjoni pertali, specjalment fuq natura purament teknika, dan il-Qorti "ma tistax taghmlu b'mod legger jew kapriccuz. Il-konvinzjoni kontrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' aspett tekniku tal-materja taht ezami"*

(**“Philip Grima vs Carmelo Mamo” –** A.C. 29 ta’ Mejju 1998; **“Anthony Cauchi vs Carmel Mercieca”** – A.C. 6 ta’ Ottubru 1999; **“John Saliba vs Joseph Farrugia”** - A.C. 28 ta’ Jannar 2000; **“Sammy Tabone vs Carmel Tabone et”** – A.C. 5 ta’ Ottubru 2001).

Illi dawn is-sentenzi huma bbazati wkoll fuq dak li intqal fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet **“Giswarda Bugeja *et vs* Emmanuele Muscat *et*”** (A.C. 23 ta’ Gunju 1967 – LI.i.390) fejn intqal li ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra, *‘b’danakollu, l-‘giudizio dell’arte’ espress mill-perit tekniku ma jistghax u ma ghandux aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta’ lilha moghtija b’talba ghan-nomina ta’ periti addizzjonali jigi skartat facilment ammenoche’ ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli”.*

Illi mill-istess rapport allura jidher li l-istess attrici sofriet dizabilita’ permanenti ta’ 7% kif irrelata Mr.Joseph Attard.

Illi ma jirrizultax li l-attrici kienet tahdem bi qliegh u b’hekk hija mara tad-dar. Illi pero’ dawn il-Qrati diga’ kellhom opportunita’ jiddeciedu kazijiet bhal dak odjern fejn il-Qorti kkonkludiet li s-servizz li l-mara tad-dar taghti ghandu jinghata valur finanzjarju. Infatti fis-sentenza **“Nazzareno Apap pro et noe vs. Francis Degiorgio”** (A.C. 16 ta’ Jannar 1984), il-Qorti qalet is-segwenti:-

*“Dwar dak li hu lucrum cessans ghalkemm il-mejta hi mara tad-dar u ma taghmel ebda xoghol partikolari hi ntitolata ghal danni lucrum cessans. Dan il-principju gie accettat minn dawn il-Qrati ladarba fiha l-potenzjalita’ li tahdem u taqla’ x’tiekol.”*

Illi dan gie wkoll konfermat fis-sentenza **“Elizabeth sive Alice Grech et vs Mario Briffa”** (P.A. 21 ta’ Frar 1997) li kien jikkoncerna mara tad-dar li sofriet dizabilita’ permanenti ta’ 10% wara l-incident:-

*“Billi l-attrici ma kienitx tahdem bi qligh ma nistghux nghidu x’kienet il-paga medja taghha. Madankollu, billi x-xoghol tad-dar ukoll ghandu valur ekonomiku, u l-kontribut li taghti mara tad-dar lill-ekonomija domestika ma ghandux jitqies li hu anqas minn dak li jaghti r-ragel, fil-fehma tal-qorti x-xoghol tad-dar ghandu jitqies li jiswa mhux inqas mill-paga minima nazzjonali.”*

Illi jekk wiehed jikkonsidra li l-“*minimum wage*” prezenti hija ta’ Lm51 fil-gimgha u kwindi l-ammont fis-sena jitla’ ghal Lm2,652. Illi tenut kont anki tal-gholi tal-hajja din il-Qorti sejra tahdem fuq l-ammont annwali ta’ tlett elef lira Maltija (Lm 3,000).

Illi bbazat fuq l-eta’ ta’ 37 sena, l-attrici ghandha potenzjalita’ ta’ hajja lavorattiva ta’ 23 sena. Illi b’hekk mahduma din fuq introjtu ta’ Lm3,000 u b’dizabilita’ permanenti ta’ 7% tirrizulta din is-somma:-

Lm3,000 x 23x 7% =Lm 4,830

Illi fuq l-iskorta tas-sentenzi **“Angelo Galea vs Joseph D’Agostino et”** (P.A.(JSP) 16 ta’ Dicembru 1996) u **“Olga Busuttil et vs Raymond Muscat”** (P.A. (GCD) 6 ta’ Gunju 1997) u **“Arthur Bonello noe et vs James Camilleri et”** (P.A. (JSP) 13 ta’ Jannar 1998) ladarba ghaddew tmien (8) snin mid-data tal-operazzjoni it-tnaqqis ghall-*lump sum payment* ma ghandux ikun ta’ aktar minn 4% b’dan ghalhekk li l-ammont ghandu jinzel b’Lm193.20 ghall- Lm4,636.80.

Illi ghalhekk din il-Qorti qed tillikwida d-danni sofferti fl-ammont ta’ erbat elef, sitt mija u sitta u tletin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm4,636.80).

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, **tilqa’ t-talbiet attrici,** b’dan illi:-

1. Tiddikjara illi l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi minhabba l-inkapacita’ permanenti li garbet l-attrici Maryanne Sammut bhala rizultat tal-operazzjoni u kura medika li hi rceviet fl-Isptar San Luqa bejn is-26 t’Awissu 1994 u l-1 ta’ Settembru 1994, kif fuq intqal, u ghar-ragunijiet fuq indikati;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta’ erbat elef, sitt mija u sitta u tletin lira Maltin u tmenin centezmu (LM4,636.80);

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi in linea ta’ danni l-ammont ta’ erbat elef, sitt mija u sitta u tletin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm4,636.80) hekk likwidat.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ tlett (3) ittri legali, tal-ittra ufficjali tas-27 ta’ Gunju 1996, u dawk tal-protest gudizzjarju tas-26 t’Awissu, 1996, u bl-imghax mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni attrici fis-26 ta’ Settembru 1996 sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**12 ta’ Dicembru 2002.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**12 ta’ Dicembru 2002.**